# JUNIOR LYCEUM ENTRANCE EXAMINATION 2000
# STUDJI SOCJALI

**TIKTEB XEJN F'DAN L-ISPAZJU**

**Il-kandidati huma mħeġġa biex jiktbu pulit u mingħajr żbalji.**

**A. Qabbel il-kliem f'kolonna A mal-kliem f'kolonna B billi tikteb in-numru fil-kaxxa.**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Xogħol u snajja' li x'aktarx m'għadniex naraw ħafna f'Malta | ☐ | xogħol fil-komunità li jsir bla ħlas. |
| 2. | L-elezzjonijiet ġenerali f'pajjiżna | ☐ | huma mezzi ta' komunikazzjoni. |
| 3. | Xogħol voluntarju huwa | ☐ | huma dawk tal-kebbies tal-fanali u tal-buttar. |
| 4. | Il-kompjuter u l-Internet | ☐ | ġeneralment isiru kull ħames snin. |
| 5. | Il-kap tar-Repubblika Maltija | ☐ | huma parti mill-kultura tagħna l-Maltin. |
| 6. | Ir-reliġjonijiet differenti | ☐ | huwa l-President. |
| 7. | Il-Bandiera Maltija, l-Innu Malti u d-drawwiet tagħna | ☐ | meta nħossni li qiegħed/qiegħda nsir persuna aħjar. |
| 8. | Inkun qiegħed jew qiegħda nieħu edukazzjoni tajba | ☐ | għandhom jgħinu biex jikber ir-rispett bejnietna. |
| 9. | Malta hi pajjiż demokratiku | ☐ | nifraħ u nbati magħhom. |
| 10. | Nuri solidarjetà ma' l-oħrajn meta | ☐ | għax għandna Gvern u Oppożizzjoni. |

(10 x 1=10 marki)

## B. Agħmel sing taħt żewġ kelmiet minn kull grupp, li jagħmlu sens u jaqblu mal-kliem li hemm b'ittri kbar:

RAZZETT MALTI = (tigra, ħanżir, lupu, iljun, baqra, volpi, ġiraffa, żebra)

BIEDJA F'MALTA = (ħart, qatran, madum, te, basal, barriera, żejt, petrol)

MATERJA PRIMA = (martell, ħadid, lottu, gawwija, faħam, saqaf, bieb, sinna)

QASAM INDUSTRIJALI = (Marsaxlokk, Ix-Xlendi, Ix-Xewkija, Il-Mellieħa, Buġibba, Kordin, Tas-Sliema, Wied il-Għajn)

MEZZI TA' TRASPORT = (kazzola, karrozzin, katina, forġa, ferrovija, kartell, landier, furnar)

(5 x 2 = 10 marki)

## Ċ. Aqra sewwa u wieġeb:

1. Fis-sing taħt kull sentenza ikteb jekk hux VERU jew FALZ:

a) Il-Perit li għamel il-pjanta tal-Belt Valletta kien Franġisku Laparelli.

___________ (1 marka)

b) Qabel ma nbniet il-Belt Valletta, il-Kavallieri marru jgħixu ġewwa l-Imdina.

___________ (1 marka)

ċ) Malta saret repubblika fis-7 ta' Ġunju 1919.

___________ (1 marka)

2. Wieġeb il-mistoqsijiet:

a) Għala taħseb li kien diffiċli għall-ewwel nies f'Malta biex jibnu t-tempji megalitiċi?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

(2 marki)

b) Xi tfisser meta ngħidu li San Pawl ġab il-bxara t-tajba f'Malta?

______________________________________________

(1 marka)

ċ) Liema żewġ rebħiet tfakkar Malta fil-festa tat-8 ta' Settembru?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

3. Poġġi dawn il-ġrajjiet mill-Istorja ta' Malta wara xulxin kif ġraw.
Uża n-numri 1, 2, 3 u 4.

Il-miġja ta' San Pawl f'Malta ____

Malta ssir Indipendenti ____

Il-bini tat-Tempju tal-Ġgantija ____

Il-bini tal-Belt Valletta. ____

(2 marki)

(Total = 10 marki)

## D. Imla l-vojt f'din is-silta bl-aħjar kelma. Agħżel minn dawn il-kliem:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| franka, | farka, | irdumijiet, | wied, | ilma, | isptar, |
| bhejjem, | tuffieħ, | Għawdex, | Għammieri, | tut, | tadam. |

L-għalliema tal-klassi ħadet 'l-istudenti dawra mal-pajesaġġ Malti. Minn fuq l-_________ ta' Ħad-Dingli raw xi saffi ta' blat. Kien hemm tifel li qal li darba kien sab fossila ġo ġebla tal-___________ . L-għalliema qaltilhom li d-djar tagħna nibnuhom minn dik il-ġebla.

Wieħed bidwi fisser lit-tfal dwar il-problemi fuq ix-xogħol tiegħu bħal nuqqas ta' _________, għelieqi żgħar wisq u mard tal-______________. Urihom serra kbira fejn kien ikabbar it-____________ .

It-tfal tgħallmu ħafna minn din iż-żjara u l-għalliema wegħdithom li f'ħarġa oħra kienu se jżuru Tal-Lunzjata f'______________, li huwa ukoll wied sabiħ u tajjeb ħafna għall-biedja.

(6 x 1 = 6 marki)

## E. Imla l-vojt billi ddaħħal il-kelma t-tajba:

L-ewwel nies ġew Malta b'xi ċattra jew ______________ . Għalhekk dawn kellhom jaqsmu l- __________ . Dan ifisser li meta ġew l-ewwel nies, Malta kienet diġà ____________ . Dawn in-nies kienu jgħixu ġo xi __________ . Ix-xogħol tagħhom aktarx kien ta' ___________ jew ta' ___________ .

(1 x 6 = 6 marki)

## F. Kompli n-nieqes f'dawn is-sentenzi.

1. Il-Kindergarten, l-iskola Primarja u l-iskola Sekondarja jagħmlu parti mis-sistema ta' l- __________________________ Maltija.

2. Li nitgħallmu u nilagħbu huma __________________________ tagħna t-tfal.

3. Fil-__________________________ jiddiskutu l-liġijiet meħtieġa għall-pajjiż.

4. Bix-xogħol tagħhom, l-għalliema u min għandu ħanut jaqilgħu l-flus, iżda jagħtu ukoll __________________________ lill-oħrajn.

5. Il-lingwa Maltija, bħal-lingwi oħra, hija importanti għax biha _____________________ ma' l-oħrajn.

(1 x 5 = 5 marki)

## Ġ. Ħares lejn l-istampi u wieġeb il-mistoqsijiet:



Stampa A



Stampa B

1. X'qiegħed tara f'dawn iż-żewġ stampi?

   Stampa A ________________________________ (1 marka)

   Stampa B ________________________________ (1 marka)

2. Ma' liema żmien għandhom x'jaqsmu dawn iż-żewġ stampi?

   ________________________________ (1 marka)

3. Għaliex taħseb li l-Maltin batew ħafna f'dak iż-żmien?

   ________________________________

   ________________________________

   ________________________________

   (2 marki)

4. Għala taħseb li Malta ngħatat il-"George Cross"?

   ________________________________ (1 marka)

(Total 6 marki)

**G. Studja l-Mappa tal-Gżejjer Maltin u n-numri ta' fuqha. Wara, għid min jien jew x'jien:**




1. Jiena gżira ċkejkna u tista' tarani minn Għar Lapsi, minn Wied iż-Żurrieq u minn fuq l-irdumijiet ta' Ħad Dingli:

___________________

2. Jien infisser grupp ta' gżejjer flimkien - bħalma huma l-Gżejjer Maltin:

___________________

3. Jiena belt msejħa ukoll Vittoriosa:

___________________

4. Jiena isem ta' port f'Għawdex u isem bħalu ta' raħal f'Malta:

___________________

5. Jiena isem ta' port f'Malta minn fejn l-aktar li jitilqu l-vapuri bil-passiġġieri lejn Għawdex:

___________________

(5 x 1 = 5 marki)

**Għ. Aqra l-istorja ta' hawn taħt u wara, kompli s-sentenzi u wieġeb il-mistoqsija mogħtija:**

Lajla hija tifla li ilha toqgħod Malta sitt xhur. Ġiet mal-familja tagħha mit-Tuneżija, fejn hi twieldet, u ġew hawn għax missierha qiegħed jaħdem fuq proġett f'pajjiżna. Lajla tmur l-iskola mat-tfal l-oħrajn Maltin. Lajla tħobb tkun taf dwar Malta u dwar pajjiżi oħra li spiss iżżur mal-familja tagħha. Tixtri l-'postcards' ta' dawn il-pajjiżi u taqra kotba dwar id-drawwiet, l-isports u l-lingwi tagħhom.

1. Milli jidher, Lajla tinteressa ruħha fil-___________________. (1 marka)

2. Pajjiżha jagħmel parti mill-kontinent li jissejjaħ ______________. (1 marka)

3. Kieku Lajla tiltaqa' miegħek u tistaqsik dwar it-tradizzjonijiet Maltin, x'kont tgħidilha? Fit-tweġiba tiegħek, semmi ta' l-inqas erba' affarijiet jew punti:

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

(4 marki)

(1+1+4 = total 6 marki)

## H. Ħares lejn il-Mappa t'hawn taħt u wara, aħdem kif mitlub/a:




1. <u>F'liema baħar jew oċejan daħal jew wasal?</u>

a. Vapur salpa mill-Oċejan Atlantiku, daħal mill-Fliegu ta' Ġibilta`ġol-Baħar

________________.

b. Jott telaq mill-Greċja, għadda mid-Dardanelli u ankra fil-Baħar __________________.

ċ. Tanker ħareġ minn Malta, baħħar lejn l-Eġittu, għadda tul il-Kanal tas-Swejz u ħareġ fil-Baħar ________________.

d. Cruise Liner telaq mill-Italja lejn l-Amerka ta' Fuq. Fl-Oċejan ________________ dam ħamest ijiem.

2. Fuq il-mappa hemm l-ismijiet ta' ħamest itfal mill-pajjiżi tal-Mediterran. <u>Imla l-kolonna billi tikteb il-BELT KAPITALI tal-pajjiż fejn igħixu dawn it-tfal</u>.

| ISEM TAT-TFAL | IL-BELT KAPITALI |
|---|---|
| Juan-Carlos | ________________ |
| Spira | ________________ |
| Fatima | ________________ |
| Jean-Paul | ________________ |
| Mustafà | ________________ |

3. Agħmel sing taħt il-kliem li jagħmel sens mill-kliem fil-parentesi (brackets):

a. L-Oċejan Atlantiku huwa (iżgħar mill-, ikbar mill-, daqs il-) Baħar Mediterran.

b. Il-Baħar l-Iswed huwa (daqs il-, ikbar mill-, iżgħar mill-) Baħar Mediterran.

ċ. Ċipru qiegħed fil-Baħar (l-Iswed, l-Aħmar, Mediterran).

(1 x 12 marka = total 12-il marka)

## Ħ. Aqra din l-istorja u wara wieġeb il-mistoqsijiet jew imla l-vojt skond il-bżonn:

Rena hija mara anzjana ta' 75 sena. Qabel kienet taħdem fi skola bħala purtinara. Dejjem bieżla, nadifa u fuq kollox dħulija ma' kulħadd, l-aktar mat-tfal. Kienet saret parti mill-ħajja ta' l-iskola. Xtaqet ħafna tkompli taħdem f'dan il-post, iżda ma setgħetx minħabba l-liġijiet tal-pajjiż.

Rena toqgħod waħidha ġo dar kbira fil-qalba tal-belt. Tħossha dejjem imbeżżgħa minħabba l-aħbarijiet dwar swat ta' anzjani u serq minn djarhom. Tibża' toħroġ mid-dar wahidha. Tixtieq kieku tmur f'xi dar privata għall-anzjani, iżda ma tistax tlaħħaq ma' l-ispejjeż.

L-hena tagħha tkun meta jmorru jżuruha fid-dar xi ħbieb u qraba. It-tfal għadha tħobbhom bħal meta kienet taħdem l-iskola, u għalhekk l-għaxqa tagħha meta jmorru jarawha t-tfal ta' wliedha.

Imma tixtieq li toħroġ mid-dar u tiltaqa' aktar man-nies. Il-laqgħat għall-anzjani li jsiru barra mill-belt tagħha jogħġbuha, iżda għandha l-problema tat-trasport.

1. X'kien ix-xogħol ta' Rena ? ________________ (1 marka)

2. X'kienet l-aktar kwalità sabiħa f'Rena? ________________ (1 marka)

3. Rena "kienet saret parti mill-ħajja ta' l-iskola" Fisser din is-sentenza fi kliemek:

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

(3 marki)

4. Issa li irtirat mix-xogħol Rena tħossha dejjem imbeżżgħa. Għaliex?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

(2 marki)

5. Ikteb 5 sentenzi dwar kif Rena tista' ma tħosshiex aktar waħedha u mbeżżgħa u għalhekk aktar komda f'darha:

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

(5 marki)

(1+1+3+2+5 = total 12-il marka)

## I. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet

1. Għala taħseb li t-Torok kienu l-akbar għedewwa ta' l-Ordni ta' San Ġwann?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

(2 marki)

2. Liema fortizza rebħu t-Torok matul l-Assedju l-Kbir?

_______________________ (1 marka)

3. Min kien il-kmandant tat-Torok li miet f'Malta matul dan l-Assedju?

_______________________ (1 marka)

4. Semmi tliet diffikultajiet kbar li sabu ma' wiċċhom it-Torok waqt dan l-Assedju:

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

(3 marki)

5. Immaġina li inti suldat Tork sejjer lura lejn pajjiżek fuq xini, wara t-telfa fl-Assedju l-Kbir ta' Malta. Ikteb storja qasira dwar dak li int għaddejt minnu waqt dan l-Assedju f'Malta.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

(5 marki)

(Total 12-il marka)